# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 127/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ivan Camilleri**

Illum it-tlieta (3) ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Ivan Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 504370(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fit-8 ta' Mejju 2011 u fit-tliet xhur ta' qabel:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-persuna/i, jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien

awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

b. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

dispożizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

d. fl-istess ċirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. datata 22 ta' Marzu 2010 u oħra mogħtija mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. datata 2 ta' Frar 2011, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' April 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ta' Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- sabet lill-imputat mhux ħati ta' dik il-parti ta' imputazzjoni (e) li tirreferi għas-sentenza tal-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit tat-2 ta' Frar 2011 u minnha lliberatu;

- sabitu ħati ta' imputazzjonijiet (a), (b), (ċ), (d) u (e), iżda dwar l-aħħar imputazzjoni biss in kwantu din tirreferi għas-

sentenza tal-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano tat-22 ta' Marzu 2010;

- fir-rigward ta' imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) u (d) ikkundannatu għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi kemm il-darba l-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- fir-rigward ta' imputazzjoni (e), il-Qorti ittrattat mal-ħati dwar ir-reati li tagħhom kien instab ħati permezz tas-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano nhar it-22 ta' Marzu 2010 daqs li kieku kien għadu kemm instab ħati dwar l-istess reati minn jew quddiem il-Qorti u filwaqt illi għal kull buon fini ikkonfermat tali ħtija, wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17(b), (f) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva u multa ta' ħames mitt Euro (€500) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi kemm-il-darba l-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- <u>għalhekk b'kollox l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' ħdax-il xahar priġunerija u multa ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400)</u>;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-ħati jħallas l-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, fis-somma ta' mija, wieħed u sebgħin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€171.34), liema somma kellha titħallas mill-ħati fi żmien xahrejn minn dakinhar tas-sentenza;

- il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti (Dok. "VA 2") hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-30 ta' April 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha 1. Tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tirriformaha billi tapplika l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tirriforma l-piena għal waħda iktar mita u ġusta fiċ-ċirkostanzi; 2. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena nflitta billi tagħmel rakkomandazzjoni lill-Eċċellenza Tagħha [issa: Tiegħu] l-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex tiġi applikata l-maħfra Presidenzjali fil-konfront tal-appellant."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jallega li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex hija qieset li l-imġieba tiegħu ma kinitx tinkwadra fil-parametri ta' traffikar hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirreferi għall-fatt li l-Ewwe Qorti qieset li l-fatt li hu kien irċieva ħlas minn għand sħabu kien indikazzjoni li hu kien ħati ta' traffikar tad-droga. Huwa tal-fehma li jeżistu l-estremi li jiġġustifikaw l-ewwel proviso ta' Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li hu dejjem kien bi ħsiebu jikkonsma d-droga flimkien ma' sħabu u fl-istess post u li l-fatt li sar xi ħlas ma jnaqqas xejn mill-intenzjoni ċara tiegħu li joffri d-droga lil sħabu u jikkonsmawha fuq il-post. Jgħid li hu mhux xi traffikant tad-droga u li sħabu kienu jħallsuh tad-droga biex ikopri ftit mill-ispejjeż u mhux biex jagħmel xi qligħ. Jisħaq li qatt ma biegħilhom id-droga biex jikkonsmawha waħidhom. Jgħid li l-ispirtu tal-liġi joħroġ ċar ukoll mid-dispożizzjoni stess li mkien ma tgħid li benefiċċju jintilef għaliex hu jkun tħallas. Jgħid li minħabba dawn ir-raġunijiet għandu jkun applikat il-proviso in kwistjoni.

Illi qabel din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju in eżami jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali. Minnhom jirriżulta, fost l-oħrajn, hekk:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Victor Aquilina** (*a fol.* 8 *et seq.*) xehed li waqt tfittxija li saret f'St. George's Football Club ġewwa Bormla, liema klabb kien jiġi ġestit mill-appellant, il-Pulizija sabu madwar gramma sustanza bajda li kienet imqassma f'żewġt iqratas żgħar, kantunieri suspettata droga kokajina. Eżebixxa, fost l-oħrajn sentenza (Dok. "VA 3" – *a fol.* 13 *et seq.*) datata 22 ta' Marzu 2010 mogħtija fil-konfront tal-appellant fejn il-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li dak il-każ kien wieħed ta' traffikar *by sharing*.

- Fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 17) id-difiża ddikjarat li ma kinitx qed tikkontesta li jekk kien hemm traffikar tad-droga dan kien f'inqas minn mitt metru bogħod minn post iffrekwentat miż-żgħażagħ u li b'hekk ma kienx hemm il-ħtieġa ta' nomina ta' espert dwar id-distanza.

- **PC 760 Christopher Saliba** (*a fol.* 18 *et seq.*) xehed li fit-8 ta' Mejju 2011 kienet saret tfittxija f'St. George's Football Club u li ġo żewġ bottijiet tal-plastik kien hemm żewġt iqratas b'sustanza li kienet suspettata li hija droga kokajina u biċċiet tal-boroż tal-plastik.

- Ix-Xjenzat **Godwin Sammut** (*a fol.* 21) ikkonferma li kienet instabet s-sustanza kokajina. Huwa eżebixxa r-rapport redatt minnu li ġie mmarkat bħala Dok. "GS" (*a fol.* 23 *et seq.*).

- **PS 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 33 *et seq.*) xehed li kien involut fit-tfittxija fejn sabu lill-appellant waqt li kien qed jiftaħ il-bar. Jgħid li kienu elevaw sustanza minn fuq it-tieqa tal-*istore*. Jgħid ukoll li kien hemm persuna oħra preżenti li kienet *helper*.

- L-appellant **Ivan Camilleri** (*a fol.* 38 *et seq.*) inqratlu l-istqarrija. Huwa xehed li kien qed imur jixtri l-kokajina hu u kien ikollu l-ħbieb miegħu ġol-bar fejn saret it-tfittxija mill-Pulizija. Jgħid li huwa kien jaqsamha u li ma kienx ikollu qligħ – kemm iġib l-ispejjeż. Jgħid li ma kienx joħroġ fit-triq biex ibigħ il-kokajina u li kien jiġbor nofs il-prezz għax in-nofs l-ieħor kien jieħdu hu. Jixhed li kien jaqsam id-droga ma' xi ħbieb wara li jkunu telqu l-klijenti u għalaq il-bar.

- **Patrick O'Shea** (*a fol.* 66 *et seq.*) qal li kienu jieħdu l-kokajina flimkien u qal li dan kien xi seba' snin qabel. Għad-domanda tal-Ewwel Qorti (*a fol.* 69): *"[I]mma x'tagħmlu biex tieħdu l-kokajina u fejn kontu tkunu biex tieħdu l-kokajina?"*, wieġeb hekk: *"Il-każin. Kien jagħlaq u konna nibgħqu bejnietna, jien u hu."*

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jikkontendi li dan kien każ ta' traffikar *by sharing* u li għalhekk japplika Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għandu jingħad mill-ewwel li dan l-artikolu jgħid bl-aktar mod ċar s-segwenti: *"Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-dispożizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan."* Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li mis-sentenza mogħtija fit--22 ta' Marzu 2010 fil-konfront tal-appellant fi proċeduri oħra, liema sentenza hija dik immarkata bħala Dok. "VA 3" (*a fol.* 13 *et seq.*) jirriżulta li l-appellant diġa' bbenefika mill-proviso in kwistjoni u dana peress li wara li f'dak il-każ il-Prosekuzzjoni ddikjarat li dak kien każ ta' traffikar *by sharing*, il-Qorti tal-Maġistrati (filwaqt li sabitu ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu) illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin minn dakinhar. B'hekk lanqas li kieku dan il-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza llum kien wieħed ta' traffikar *by sharing* xorta waħda l-appellant ma setax jibbenefika minnu.

Illi għandu jingħad ukoll li l-iskop tal-proviso qatt ma kien intiż sabiex wieħed jixtri u jqassam lil ħaddieħor kemm bil-flus kif ukoll bla flus, kemm bil-qligħ jew bla qligħ. Jingħad ukoll li l-frażi "traffikar *by sharing*" mhuwiex parti mill-vokabularju tal-liġi iżda l-frażi hija espressjoni popolari biex tirreferi għal tip ta' kif tgħaddi d-droga minn id persuna għal għand oħra.

Illi jirriżulta li l-leġislatur qagħad ferm attent li jirrestrinġi l-proviso għal okkażjoni ta' darba biss. Huwa ma jkoprix sitwazzjoni fejn wieħed jixtri d-droga għal persuna waħda jew aktar, kemm jekk biex iqassamha jew biex iqassamha u jiġbor l-ispejjeż jew addiritura biex jittraffikaha! Mix-xiehda tal-appellant f'dan il-każ jirriżulta li t-tqassim ta' droga sar għal aktar minn darba u ma tagħmel ebda differenza li l-post ikun magħluq. Ma' dan għandu jiżdied ukoll il-fatt li f'azzjoni ripetuta bħal f'dan il-każ, l-interpretazzjoni tal-liġi bl-ebda mod ma tista' tiġġebbed li tali traffikar huwa permess għaliex fl-istess post.

Illi b'hekk isegwi li l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li huwa ma jimmeritax piena ta' priġunerija. Jgħid li f'każ li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, fl-isfond taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali hemm lok li din l-istess Qorti tirrakkomanda l-użu tal-prerogattiva tal-maħfra Presidenzjali. Jgħid li l-każ imur lura għas-sena 2011 u li ser jintilef kollox bl-għoti ta' piena ta' priġunerija. Jisħaq li kienu waħdiet l-okkażjonijiet fejn hu qasam id-droga ma' sħabu. Jgħid li llum għandu xogħol stabbli u qed jieħu ħsieb 'l uliedu u l-familja bl-akbar għaqal. Jagħlaq billi jgħid li l-ġurisprudenza dejjem irriteniet li l-piena għandu jkollha skop riparatriċi.

Illi f'dan l-aggravju l-appellant jitlob lil din il-Qorti biex tagħmel rakkomandazzjoni lill-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta sabiex jingħata maħfra Presidenzjali. Dwar dan din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, apparti dak li ngħad aktar 'il fuq, id-depożizzjoni tax-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Huma ddeskrivew il-progress magħmul mill-appellant. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li ngħad, fost l-oħrajn, mill-Uffiċjal tal-*Probatian* Dorian Cornelius u mill-Psikologa Dr. Roberta Holland.

Illi dwar it-talba dwar il-maħfra Presidenzjali din il-Qorti tqis li dan huwa rimedju li għandu japplika għalih l-appellant innifsu u mhux jistenna rakkomandazzjoni ta' din il-Qorti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li minkejja li fit-22 ta' Marzu 2010 l-appellant kien ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tliet snin minn dakinhar, ftit aktar minn sena wara huwa reġa' nqabad tant li l-imputazzjonijiet fil-każ odjern jġibu d-data tat-8 ta' Mejju 2011 (u t-tliet xhur ta' qabel). B'hekk anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud b'dan illi d-dritt tal-appellant li jitlob il-maħfra Presidenzjali jibqa' mhux preġudikat.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena, din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti kkalibrat il-piena kemm jista' jkun fil-minimum tagħha. Madanakollu, din il-

Qorti hija tal-fehma li għandha tnaqqas il-piena li tirrigwarda t-tmien xhur priġunerija għal sitt xhur u dana minħabba l-bidla fl-appellant li ngħatat prova tagħha fil-mori tal-appell kif ukoll minħabba t-trapass taż-żmien.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Ivan Camilleri u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' dik il-parti ta' imputazzjoni (e) li tirreferi għas-sentenza tal-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit tat-2 ta' Frar 2011 u li minnha lliberatu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjonijiet (a), (b), (ċ), (d) u (e), iżda dwar l-aħħar imputazzjoni biss in kwantu din tirreferi għas-sentenza tal-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Quintano tat-22 ta' Marzu 2010;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward ta' imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) u (d) l-appellant ġie kkundannat iħallas <u>multa ta' disa' mitt Euro (€900)</u> li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward ta' imputazzjoni (e) l-appellant ġie trattat dwar ir-reati li tagħhom kien instab ħati permezz tas-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. L. Quintano) fit-22 ta' Marzu 2010 daqs li kieku kien għadu kemm instab ħati dwar

l-istess reati minn jew quddiem il-Qorti u fejn ġie kkundannat piena ta' tliet xhur priġunerija u multa ta' ħames mitt Euro (€500) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż għandhom jitħallsu minnu fi żmien xahrejn millum;

- tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda d-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward ta' imputazzjonijiet (a), (b), (ċ) u (d) l-appellant ġie kkundannat tmien (8) xhur priġunerija u minflok għall-imputazzjonijiet msemmija tikkundanna lill-appellant sitt (6) xhur priġunerija (u dan apparti l-multa ta' disa' mitt Euro (€900) kif imsemmi aktar 'il fuq).

Għaldaqstant, b'kollox l-appellant ġie kkundannat piena ta' disa' (9) xhur priġunerija u multa ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**